V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-GĦAŻLA TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJIET ĠENERALI EPSO/AD/204-205/10

(2010/C 292 A/01)

Interessat f'karriera fl-istituzzjonijiet Ewropej?
Il-profil tiegħek jikkorrispondi mal-kriterji tagħna?
Mela applika
Agħti lilek innifsek iċ-ċans li tirnexxi

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza kompetizzjonijiet ġenerali fuq il-bażi tal-kwalifiki u testijiet sabiex tinħoloq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' amministraturi (*).

EPSO/AD/204/10 — ĠESTJONI TA' FONDI STRUTTURALI/FOND TA' KOEŻJONI (AD 6)
EPSO/AD/205/10 — TAXXI/ DWANA (AD 7)

L-għan ta' dawn il-kompetizzjonijiet hu li jfasslu listi ta' riżerva maħsuba biex jimtlew postijiet vakanti fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, b'mod speċjali l-Kummissjoni.

Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali C 184 A tat-8 ta' Lulju 2010 kif ukoll fuq is-sit tal-Internet tal-EPSO.

Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet ta' iskrizzjoni.

WERREJ

I. **QAFAS ĠENERALI**

II. **DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET**

III. **KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI**

IV. **AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U STEDINA GĦAĊ-ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI**

V. **KOMPETIZZJONI ĠENERALI**

VI. **LISTI TA' RIŻERVI**

VII. **KIF TAPPLIKA?**

(*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

I. QAFAS ĠENERALI

1. Numru ta' kandidati magħżula	**EPSO/AD/204/10 = 40** **EPSO/AD/205/10 = 34**
2. Kummenti	Int tista' tapplika għal kompetizzjoni waħda biss u għal qasam wieħed biss tal-kompetizzjoni EPSO/AD/205/10. Din l-għażla għandha ssir fil-ħin tal-iskrizzjoni elettronika u ma tistax tinbidel ladarba tkun ivvalidajt u bgħatt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku.

II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET

Deskrizzjoni tal-profili speċifiċi tinsab fl-anness.

Il-profil ġenerali mfittex mill-istituzzjonijiet jinsab fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI

Fid-data ta' għeluq stabbilita għall-iskrizzjoni elettronika, int għandek tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet kollha ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

1. Kundizzjonijiet ġenerali

a) Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
b) Tgawdi mid-drittijiet ċivili tiegħek.
c) Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-liġijiet ta' reklutaġġ applikabbli tas-servizz militari.
d) Tipproduċi r-referenzi tal-karattru meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet previsti.

2. Kundizzjonijiet speċifiċi

2.1	**Kwalifiki** Ara l-annessi
2.2	**Esperjenza professjonali** Ara l-annessi
2.3	**Għarfien lingwistiku** **Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma dawn li ġejjin:** BG (Bulgaru) FI (Finlandiż) NL (Olandiż) CS (Ċek) FR (Franċiż) PL (Pollakk) DA (Daniż) GA (Irlandiż) PT (Portugiż) DE (Ġermaniż) HU (Ungeriż) RO (Rumen) EL (Grieg) IT (Taljan) SK (Slovakk) EN (Ingliż) LT (Litwan) SL (Sloven) ES (Spanjol) LV (Latvjan) SV (Svediż) ET (Estonjan) MT (Malti)
a) Lingwa 1	**Lingwa prinċipali:** għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea
u	
b) Lingwa 2	**Tieni lingwa (għandha tkun differenti mil-lingwa 1):** għarfien sodisfaċenti tal-Franċiż, il-Ġermaniż jew l-Ingliż.

IV. AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U STEDINA GĦAĊ-ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI

1. Proċedura

L-eżaminazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi u l-għażla fuq il-bażi tal-kwalifiki l-ewwel isiru skont id-dikjarazzjonijiet li tkun għamilt fl-applikazzjoni tiegħek.

a) It-tweġibiet tiegħek għall-mistoqsijiet relatati mal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi se jkunu pproċessati sabiex jiġi determinat jekk intix ser tagħmel parti mil-lista tal-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni.

b) Imbagħad, il-bord tal-għażla jipproċedi, għall-kandidati mniżżla f'din il-lista, għal għażla fuq il-bażi tal-kwalifiki sabiex jidentifika l-kandidati li għandhom il-kwalifiki l-iktar rilevanti (b'mod speċjali l-lawrji, l-esperjenza professjonali) meta mqabbla mad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u l-kriterji tal-għażla deskritti fl-avviż tal-kompetizzjoni. Din l-għażla ssir f'żewġ stadji:

— skont l-importanza mogħtija lil kull kriterju msemmi fl-Anness, il-bord tal-għażla jistabbilixxi l-piż (minn 1 sa 3) ta' kull mistoqsija li tirriżulta minnu. L-ewwel għażla fuq il-bażi tal-kwalifiki ssir skont it-tweġibiet mmarkati fis-sezzjoni "evalwazzjoni tal-kapaċitajiet" tal-applikazzjoni u l-piż ta' kull waħda minn dawn il-mistoqsijiet. L-applikazzjonijiet elettroniċi tal-kandidati li jiksbu l-ikbar numru ta' punti jgħaddu minn tieni għażla. Matul it-tieni għażla, in-numru ta' fajls eżaminati jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal 3 darbiet in-numru ta' kandidati mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni;

— matul it-tieni għażla, il-bord tal-għażla jeżamina t-tweġibiet tal-kandidati u jagħti, skont il-kwalifiki tagħhom, marka minn 0 sa 4 għal kull tweġiba u mbagħad din il-marka tiġi mmultiplikata bil-piż ta' kull mistoqsija, kif imsemmi fil-punt b).

Wara dan il-bord tal-għażla jistabbilixxi klassifika tal-kandidati skont dawn il-marki. In-numru tal-kandidati mistiedna ([1]) għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jikkorrispondi għal 3 darbiet in-numru ta' kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni. Dan in-numru se jkun ippubblikat fuq is-sit tal-Internet tal-EPSO (www.eu-careers.eu).

2. Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-kandidati

Meta joħorġu r-riżultati taċ-ċentru ta' evalwazzjoni u fid-dawl ta' dawn ir-riżultati, id-dikjarazzjonijiet li saru mill-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom jiġu vverifikati mill-EPSO għall-kundizzjonijiet ġenerali u mill-bord tal-għażla għall-kundizzjonijiet speċifiċi u l-għażla fuq il-bażi tal-kwalifiki. Jekk matul din il-verifika jinstab li dawn id-dikjarazzjonijiet mhumiex ikkonfermati mid-dokumenti ta' prova rilevanti, il-kandidati kkonċernati jkunu eskluży mill-kompetizzjoni.

([1]) Il-kandidati li ma jiġux mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jistgħu jiksbu r-riżultati tal-evalwazzjoni tagħhom kif ukoll il-piż ta' kull mistoqsija mill-bord tal-għażla, fuq talba mibgħuta fl-10 jiem tal-kalendarju wara n-notifika tan-nuqqas ta' ammissjoni tagħhom għall-kompetizzjoni.

Il-verifika ssir b'ordni dixxendenti ta' mertu, għall-kandidati li kisbu l-minimu meħtieġ u l-aħjar marki għat-testijiet kollha d), e), f) taċ-ċentru ta' evalwazzjoni (ara t-taqsima V). Dawn il-kandidati jridu wkoll ikunu kisbu l-minimu meħtieġ fit-testijiet tal-kapaċità a), b) u c) (ara t-taqsima V). Din il-verifika ssir sakemm jintlaħaq il-limitu ta' kandidati li jistgħu jitniżżlu fil-lista ta' riżerva u li effettivament jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni kollha. Id-dokumenti ta' prova tal-kandidati li jiġu kklassifikati taħt dan il-limitu mhux se jkunu eżaminati.

V. **KOMPETIZZJONI ĠENERALI**

1. Stedina għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni	Jekk int wieħed mill-kandidati — li, skont id-dikjarazzjonijiet tagħhom fl-iskrizzjoni elettronika, jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ġenerali u speċifiċi tat-taqsima III. u — li kisbu waħda mill-aħjar marki ([2]) fl-għażla fuq il-bażi tal-kwalifiki, int se tkun mistieden tipparteċipa fi studju ta' każijiet relatat mal-qasam u f'testijiet oħra fiċ-ċentru tal-evalwazzjoni li ġeneralment isiru fi Brussell waqt jum jew jum u nofs.
2. Ċentru ta' evalwazzjoni	Int se tkun evalwat fuq il-kapaċitajiet tiegħek ta' raġunament ([3]) permezz ta' dawn l-elementi li ġejjin: a) test tar-raġunament verbali b) test tar-raġunament numeriku c) test tar-raġunament astratt. Int se tkun evalwat ukoll fuq il-kompetenzi speċifiċi tiegħek fil-qasam kif ukoll dwar dawn il-kompetenzi ġenerali: — Analiżi u soluzzjoni tal-problemi — Komunikazzjoni — Kwalità u riżultati — Tagħlim u żvilupp — Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni — Perseveranza — Ħidma f'tim — Ħiliet ta' tmexxija Dawn il-kompetenzi huma mfissra fid-dettall fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjoni ġenerali. Dawn il-kompetenzi se jkunu eżaminati permezz tal-elementi li ġejjin: d) studju tal-każijiet fil-qasam magħżul, e) eżerċizzju fi grupp; f) intervista strutturata.
3. Lingwi taċ-ċentru ta' evalwazzjoni	Lingwa 2 għall-partijiet kollha minn a) sa f). Waqt l-istudju tal-każ (parti d), l-għarfien tal-lingwa prinċipali tiegħek (lingwa 1) se tkun ukoll eżaminata.

([2]) Fil-każ li fl-aħħar post jkunu jinsabu diversi kandidati li jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha jkunu mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

([3]) Minħabba raġunijiet organizzattivi, it-testijiet ta' raġunament jistgħu jkunu organizzati fiċ-ċentri ta' testijiet fl-Istati Membri, b'mod indipendenti minn eżamijiet oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

4. Marki	**Kapaċitajiet ta' raġunament** a) verbali: minn 0 sa 20 punt minimu meħtieġ: 10 punti b) numeriku: minn 0 sa 10 punti c) astratt: minn 0 sa 10 punti minimu meħtieġ għat-testijiet b) u c) flimkien: 10 punti. It-testijiet a), b) u c) huma eliminatorji iżda l-punti tagħhom mhux se jiżdiedu mal-punti tal-elementi l-oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni. **Kompetenzi speċifiċi** minn 0 sa 100 punt minimu meħtieġ: 50 punt. **Kompetenzi ġenerali** minn 0 sa 80 punt għall-kompetenzi ġenerali flimkien (10 punti għal kull kompetenza) minimu meħtieġ: 3 punti għal kull kompetenza u 40 punt għat-8 kompetenzi ġenerali flimkien. **Għarfien tal-lingwa prinċipali** minn 0 sa 10 punti minimu meħtieġ: 8 punti.

VI. **LISTI TA' RIŻERVA**

1. Iskrizzjoni fuq il-lista ta' riżerva	Il-bord tal-għażla jniżżel ismek fil-lista tar-riżerva ([4]) (ara n-numru ta' kandidati magħżula, taqsima I, punt I) jekk int tkun wieħed mill-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tat-taqsima V.
2. Klassifika	Il-listi huma stabbiliti skont il-kompetizzjoni, skont il-qasam, skont il-grupp ta' mertu (massimu ta' 4) u f'ordni alfabetiku f'kull grupp ta' mertu.

VII. **KIF TAPPLIKA?**

1. Iskrizzjoni elettronika	Int għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq is-sit tal-Internet tal-EPSO. **Data ta' għeluq: is-26 ta' Novembru 2010 f'12.00 (nofsinhar),** ħin ta' Brussell.
2. Trażmissjoni tal-fajl ta' applikazzjoni	**F'fażi ulterjuri**, il-kandidati mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni se jkunu mitluba jibagħtu fajl ta' applikazzjoni komplut (applikazzjoni elettronika ffirmata u dokumenti ta' prova). **Data ta' għeluq:** Id-data ta' għeluq se tkun ikkomunikata fi żmien xieraq permezz tal-profil tiegħek tal-EPSO **biss**. **Kundizzjonijiet:** ara l-punt 2.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

([4]) Fil-każ li fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha jitniżżlu fil-lista ta' riżerva.

ANNESS I

EPSO/AD/204/10 — AMMINISTRATURI (AD 6)

ĠESTJONI TAL-FONDI STRUTTURALI/FOND TA' KOEŻJONI

Speċjalisti tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali/Fond ta' Koeżjoni/Fond Soċjali Ewropew/ Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali/Fond Ewropew għas-Sajd

Din il-kompetizzjoni ġenerali hi maħsuba biex tirrekluta amministraturi (AD 6) fil-qasam tal-Fondi Strutturali Ewropej jew strumenti relatati.

1. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

Il-kompiti prinċipali jikkonsistu:

— Fl-analiżi u n-negozjar tal-proposti kollha ppreżentati minn Stat Membru għall-approvazzjoni jew modifiki tal-istrumenti tiegħu ta' referenza għat-tħejjija tal-programmazzjoni tal-fondi ([1]), il-programmi operattivi tiegħu jew il-proġetti kbar iffinanzjati mill-fondi, u dokumenti oħra meħtieġa mir-regolamenti applikabbli.

— Fil-parteċipazzjoni u fit-tħejjija, fejn xieraq, tal-mandat ta' negozjati u r-rappurtar dwar il-laqgħat tal-kumitati ta' sorveljanza.

— Fl-eżami tat-talbiet għall-pagamenti, analiżi tar-rapporti annwali u r-rapporti strateġiċi u r-rappurtar dwar is-sitwazzjoni attwali u l-progress konkret tal-proġetti u l-programmi.

— Fl-għoti ta' pariri lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-partijiet l-oħra involuti tal-kumitati ta' sorveljanza fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni skont ir-regolamenti tal-Unjoni b'attenzjoni partikolari għall-istrateġija Ewropa 2020.

— Fl-ipproċessar tad-dokumenti ta' għeluq tal-programmi/proġetti; rendikont tar-riżultati. Fil-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-evalwazzjoni tal-programm/proġett f'nofs it-terminu jew wara t-twettiq tiegħu.

— Fl-analiżi u n-negozjar tal-proposti ta' modifika ppreżentati mill-Istat Membru għall-programmi u l-proġetti kbar tiegħu tal-perjodu bejn l-2007 u l-2013. Fl-eżami tal-fajls ta' għeluq tal-programmi u l-proġetti tal-perjodu bejn l-2000 u l-2006.

— Fl-organizzazzjoni, it-tħejjija tal-linji gwida u r-rappurtar dwar il-laqgħat annwali bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

— Fl-analiżi tar-rapporti ta' verifika jew ta' kontroll u sorveljanza tal-applikazzjoni fuq il-post b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

— Fl-istabbiliment tar-rabta bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-imsieħba l-oħra fl-implimentazzjoni tal-programm/proġett.

— Fil-ġestjoni tal-kuntratti rilevanti tal-assistenza teknika tal-Unjoni.

— Fit-tħejjija tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet miktuba u orali mressqa mill-membri tal-Parlament Ewropew, għall-petizzjonijiet u ilmenti ppreżentati fi ħdan il-Parlament u għat-talbiet ta' informazzjoni tal-awtoritajiet, tal-partijiet involuti jew tal-pubbliku.

— Fit-tħejjija tal-aġġornamenti, laqgħat ta' informazzjoni u dokumenti oħra fuq il-bażi tat-talbiet li jsiru mill-kabinett, mill-ġerarkija u s-servizzi orizzontali.

— F'rendikont ta' kull sors ta' informazzjoni rilevanti, kemm jekk tkun ekonomika, xjentifika jew politika, b'mod speċjali permezz tal-istampa bil-miktub jew awdjoviżiva nazzjonali, reġjonali jew lokali, dwar il-politiki tal-Unjoni kkonċernati u b'mod iktar dirett l-implimentazzjoni tal-programmi inkluża s-sorveljanza tal-iskemi ta' għajnuna mill-Istat adottati mill-Istat Membru jew tal-irregolaritajiet.

— Fl-iżgurar tas-sorveljanza tal-irregolaritajiet identifikati mill-Istat Membru jew mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni inklużi l-korrezzjonijiet finanzjarji.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu komplut ta' studji universitarji ċċertifikat b'lawrija ta' tmiem l-istudji b'rabta mal-qasam meta l-perjodu normali ta' dawn l-istudji huwa ekwivalenti għal erba' snin jew iktar,

JEW

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu komplut ta' studji universitarji ekwivalenti għal mill-inqas 3 snin iċċertifikat b'lawrija ta' tmiem l-istudji b'rabta mal-qasam, segwit minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena relatata mal-funzjonijiet ikkonċernati.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena tagħmel parti integrali mil-lawrija u ma tistax tiġi kkunsidrata mannumru ta' snin ta' esperjenza professjonali meħtieġa hawn isfel.

([1]) Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FEŻR); Fond ta' Koeżjoni (FK): Fond Soċjali Ewropew (FSE); Fond Ewropew għas-Sajd (FES); Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

3. **Esperjenza professjonali**

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin hija meħtieġa fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri amministrattivi, tfassil, ġestjoni u implimentazzjoni tal-programmi u/jew proġetti ta' investiment iffinanzjati bl-għajnuna tal-fondi pubbliċi u privati jew b'self. Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tal-lawrija li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

Dottorat f'suġġett li huwa relatat ma' dan il-qasam, li nkiseb fil-qafas ta' studji full time jista' jiġi kkunsidrat għal perjodu ta' mhux iktar minn sena.

Il-perjodi ta' taħriġ addizzjonali marbuta mal-ispeċjalizzazzjoni meħtieġa u segwiti wara l-għoti tad-diploma meħtieġa jistgħu jiġu kkunsidrati għal perjodu ta' mhux iktar minn sena.

4. **Kriterji ta' għażla**

Fil-qafas tal-għażla fuq il-bażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra dawn l-elementi li ġejjin:

1. Minħabba n-natura ta' ċerti postijiet li jridu jimtlew, b'mod speċjali fil-qasam tal-politika reġjonali, il-ħila ċċertifikata ta' mill-inqas waħda minn dawn il-lingwi li ġejjin, li għandha tkun differenti mil-lingwi 1 u 2 mitluba fit-taqsima III, punt 2.3:

   (BG) Bulgaru, (CS) Ċek, (EL) Grieg, (ET) Estonjan, (HU) Ungeriż, (LT) Litwan, (LV) Latvjan, (MT) Malti, (PL) Pollakk, (RO) Rumen, (SK) Slovakk, (SL) Sloven.

2. Taħriġ addizzjonali f'wieħed mill-oqsma li ġejjin:

   — l-iżvilupp reġjonali;

   — l-impjieg, it-taħriġ u l-edukazzjoni;

   — l-iżvilupp rurali u l-agrikoltura;

   — is-settur tas-sajd.

3. Esperjenza professjonali rilevanti fil-qasam tal-ġestjoni, verifika u kontroll u evalwazzjoni tal-programmi u tal-proġetti sostnuti mill-fondi strutturali/fond ta' koeżjoni, kif ukoll dawk sostnuti mill-FAEŻR u l-FES.

4. Esperjenza professjonali kif imfissra fil-punt 3 hawn fuq, għajr it-3 snin mitluba.

5. Esperjenza professjonali f'wieħed mill-oqsma ta' interventi koperti mill-fondi kkonċernati, b'mod speċjali:

   — l-infrastrutturi tat-trasport, l-ambjent, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija;

   — l-adattament taż-żoni urbani u rurali;

   — l-investimenti produttivi;

   — ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija;

   — l-aċċess tal-impriżi għall-kreditu u l-inġinerija finanzjarja;

   — l-impjiegi, it-taħriġ u l-edukazzjoni;

   — l-iżvilupp rurali u l-agrikoltura;

   — is-settur tas-sajd.

6. Esperjenza ta' negozjati f'organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali.

7. Esperjenza fir-riċerka akkademika jew fit-tagħlim f'wieħed minn dawn l-oqsma li ġejjin:

   — l-iżvilupp reġjonali;

   — l-impjiegi, it-taħriġ u l-edukazzjoni;

   — l-iżvilupp rurali u l-agrikoltura;

   — l-iżvilupp u r-rikonverżjoni tas-settur tas-sajd.

8. Pubblikazzjonijiet f'wieħed jew f'diversi minn dawn l-oqsma li ġejjin:

   — l-iżvilupp reġjonali;

   — l-impjieg, it-taħriġ u l-edukazzjoni;

   — l-iżvilupp rurali u l-agrikoltura;

   — l-iżvilupp u r-rikonverżjoni tas-settur tas-sajd.

9. Lawrija fil-livell ta' Master's relatata mal-esperjenza professjonali kif deskritta fil-punt 3 hawn fuq.

10. Dottorat relatat mal-esperjenza professjonali kif deskritta fil-punt 3 hawn fuq.

ANNESS II

EPSO/AD/205/10 — AMMINISTRATURI (AD 7)

DWANA/TAXXI

Din il-kompetizzjoni ġenerali qiegħda ssir sabiex tirrekluta Amministraturi (AD 7) fil-qasam tad-DWANA/TASSAZZJONI fil-Kummissjoni Ewropea.

1. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

Dwana (17-il kandidat magħżul)

Ir-rwol ġenerali tal-amministraturi (AD 7) fil-qasam tad-dwana huwa li jwettqu analiżi, jħejju rapporti u kompiti rilevanti oħra relatati mal-iżvilupp u l-ġestjoni tal-Unjoni Doganali u jwettqu dmirijiet amministrattivi, ta' konsulenza u ta' superviżjoni f'livell għoli.

Il-kandidati li jirnexxu se jintalbu jabbozzaw u janalizzaw il-leġiżlazzjoni doganali kif inhi kkonsolidata fil-Kodiċi Doganali Komunitarju u fit-Tariffa Doganali Komunitarja, dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni korrispondenti u regoli oħra relatati, kif ukoll f'oqsma doganali speċifiċi oħra bħal pereżempju l-kontrolli doganali, il-proċess tal-modernizzazzjoni tad-dwana u/jew tal-applikazzjonijiet tal-IT tagħha. Flimkien mal-monitoraġġ tal-iżviluppi leġiżlattivi, il-kandidati jistgħu wkoll ikunu meħtieġa li jippreżentaw u jinnegozjaw f'isem l-istituzzjoni fuq livell tal-UE u dak internazzjonali.

Tassazzjoni (17-il kandidat magħżul)

Ir-rwol ġenerali tal-amministraturi (AD 7) fil-qasam tat-tassazzjoni huwa li jagħtu appoġġ lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fit-twettiq tal-missjoni tal-istituzzjoni tagħhom, jipprovdu analiżi legali, ekonomika u/jew statistika meħtieġa għall-bidu, żvilupp, ġestjoni u/jew evalwazzjoni tal-politiki tal-UE fit-tassazzjoni diretta u/jew indiretta, fuq livell għoli.

Il-kandidati li jirnexxu se jintalbu janalizzaw kwistjonijiet diretti u/jew indiretti, jagħmlu valutazzjoni legali skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli tat-taxxa, janalizzaw l-impatti tagħhom u jippreżentaw abbozzi legali jew iħejju analiżi ekonomika ta' dawk il-kwistjonijiet. Huma se jkunu mitluba wkoll iwettqu dmirijiet ta' koordinazzjoni u negozjati fuq livell internazzjonali, relatati mal-politika tat-taxxa tal-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma li ġejjin:

Analiżi ekonomika u evalwazzjoni tat-taxxi

— L-analiżi tal-effetti ekonomiċi tal-politiki nazzjonali dwar kontribuzzjonijiet u ħlasijiet statutorji li għandhom impatt fuq il-politika tal-UE, b'referenza partikolari għar-riforma tat-taxxa u l-adozzjoni tal-liġijiet ġodda tal-finanzi.

— Evalwazzjoni tal-konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-miżuri tat-taxxa proposti mill-Kummissjoni.

Tassazzjoni diretta

— L-għoti ta' konsulenza teknika speċjalizzata ħafna dwar tassazzjoni tal-kumpaniji u/jew personali.

— Monitoraġġ tal-politika tat-taxxa fl-Istati Membri u fuq livell tal-UE u internazzjonali, il-leġiżlazzjoni tat-taxxa tal-Istati Membri u l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE.

Tassazzjoni indiretta:

VAT

— Provvediment ta' konsulenza teknika speċjalizzata ħafna fil-qasam tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-VAT.

— Evalwazzjoni tal-kontroll tal-VAT u l-prevenzjoni tal-frodi.

— Monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT.

Taxxi indiretti oħra (ambjent, trasport, enerġija u dazji tas-sisa)

— Żvilupp tal-politika tat-taxxa fir-rigward tal-ambjent, trasport u enerġija.

— Applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-sisa tal-UE (alkoħol, tabakk, prodotti u żjut minerali) u l-iżvilupp ta' proċeduri ta' kontroll imsaħħa u l-ġlieda kontra l-frodi.

— Valutazzjoni tal-potenzjal ekonomiku u tekniku tat-taxxi indiretti ġodda.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu komplut ta' studji universitarji ċċertifikat b'lawrija ta' tmiem l-istudji meta l-perjodu normali ta' dawn l-istudji huwa ekwivalenti għal erba' snin jew iktar,

JEW

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu komplut ta' studji universitarji ekwivalenti għal mill-inqas 3 snin iċċertifikat b'lawrija ta' tmiem l-istudji segwit minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena relatata man-natura tal-funzjonijiet.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena tagħmel parti integrali mid-diploma u ma tistax tiġi kkunsidrata mannumru ta' snin ta' esperjenza professjonali meħtieġa hawn isfel.

3. **Esperjenza professjonali**

Dwana

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 6 snin relatata mal-applikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri, kif imfissra fid-deskrizzjoni tal-funzjonijiet.

Tassazzjoni

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 6 snin relatata mal-applikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tat-tassazzjoni jew mal-analiżi ekonomika ta' kwistjonijiet tat-tassazzjoni. L-oqsma ta' kompetenza għandhom jinkludu l-analiżi tal-leġiżlazzjoni tat-taxxa nazzjonali u/jew tal-UE diretta u/jew indiretta u kwistjonijiet rilevanti tat-taxxa diretta u/jew indiretta fuq il-bażi ta' għarfien tajjeb tal-aspetti ekonomiċi; il-valutazzjoni tagħhom legali jew ekonomika skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli nazzjonali u/jew tal-UE; twettiq ta' studji ekonomiċi u t-tħejjija ta' dokumenti legali.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

Dottorat f'suġġett li huwa relatat ma' dan il-qasam, li nkiseb fil-qafas ta' studji full time jista' jiġi kkunsidrat għall-perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin. Jekk il-kandidat ikun kiseb id-dottorat f'inqas minn 3 snin, id-dewmien reali tal-istudji biss se jiġi kkalkulat.

Il-perjodi ta' taħriġ addizzjonali marbuta mal-ispeċjalizzazzjoni meħtieġa u segwiti wara l-għoti tad-diploma meħtieġa jistgħu jiġu kkunsidrati għall-perjodu ta' mhux iktar minn sena.

4. **Kriterji ta' għażla**

Fil-qafas tal-għażla fuq il-bażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra dawn l-elementi li ġejjin:

Dwana

1. Esperjenza professjonali fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni, regoli u proċeduri tad-dwana (pereżempju fis-servizzi ċentrali, f'uffiċċju tad-dwana eċċ).
2. Esperjenza professjonali fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, regoli u proċeduri tad-dwana (pereżempju fis-servizzi ċentrali, f'uffiċċju tad-dwana eċċ).
3. Esperjenza professjonali fil-leġiżlazzjoni relatata mad-dwana, bħala pereżempju r-regolamenti tal-infurzar tal-IPR, prekursuri tad-droga, kontroll ta' flus kontanti.
4. Esperjenza professjonali fil-politika komuni tal-kummerċ.
5. Esperjenza professjonali f'politiki oħra tal-UE, bħal pereżempju l-agrikoltura, il-baġit, is-saħħa, is-sikurezza tal-prodotti jew l-ambjent, kif applikati mid-dwana.
6. Esperjenza professjonali fl-użu tad-databases speċifiċi tad-Dwana u analiżi statistika relatata.
7. Esperjenza professjonali fir-relazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tad-dwana (pereżempju sigurtà fil-katina tal-provvista, infurzar tal-IPR, faċilitazzjoni tal-kummerċ).
8. Esperjenza professjonali fl-Immudellar tal-Proċess tan-Negozju.
9. Esperjenza professjonali fl-iżvilupp ta' proġetti tal-IT.
10. Studji għal-lawrija jew ta' wara l-lawrija bi speċjalizzazzjoni fil-liġi doganali, ġestjoni ta' negozju jew ekonomija.
11. Pubblikazzjonijiet u artikli f'ġurnali akademiċi, relatati mad-dwana.
12. Esperjenza f'timijiet ta' proġetti multidixxiplinarji u multikulturali.

Tassazzjoni

1. Esperjenza professjonali fl-applikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tal-liġi tat-taxxa nazzjonali u/jew internazzjonali/tal-UE, b'mod speċjali f':
   — tassazzjoni diretta (b'mod partikolari, taxxa fuq id-dħul, taxxa tal-kumpaniji, taxxa tad-dividendi, taxxa tas-suċċessjoni);
   — tassazzjoni indiretta (b'mod partikolari VAT, dazji tas-sisa, taxxa ambjentali).

   f'wieħed/waħda minn dawn li ġejjin:
   — uffiċċju legali;
   — bħala avukat intern f'kumpanija jew assoċjazzjoni professjonali
   — kumpanija professjonali ta' konsulenza dwar it-taxxa;
   — organizzazzjoni/awtorità ta' tassazzjoni nazzjonali/internazzjonali jew ministeru tal-finanzi/tassazzjoni
   — università jew entità ta' riċerka speċjalizzata fit-tassazzjoni jew fl-ekonomija tat-tassazzjoni.;
   — istituzzjoni ġudizzjarja.
2. Esperjenza professjonali fl-analiżi tal-impatti tar-regoli tat-taxxa fuq il-kompetittività ekonomika, il-ġbir għaqli tad-dħul u spejjeż li jirriżultaw mill-konformità.
3. Kompetenza professjonali fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni.
4. Esperjenza professjonali fin-negozjati fuq livell internazzjonali.
5. Esperjenza professjonali fir-riċerka akkademika jew tagħlim fil-qasam tal-liġi tat-taxxa jew ekonomija tat-tassazzjoni.
6. Esperjenza professjonali fl-iżvilupp tal-proġetti tal-IT.
7. Studji għal-lawrija jew ta' wara l-lawrija bi speċjalizzazzjoni fil-liġi tat-taxxa diretta u/jew indiretta, internazzjonali u/jew tal-UE.
8. Kwalifika professjonali relatata man-natura tad-dmirijiet (inkluża kwalifika maħruġa minn amministrazzjoni tat-taxxa jew assoċjazzjoni ta' konsulenti tat-taxxa).
9. Studji għal-lawrija jew ta' wara l-lawrija fi skola jew fakultà tal-liġi.
10. Studji għal-lawrija jew ta' wara l-lawrija fl-ekonomija b'attenzjoni fuq wieħed jew diversi minn dawn l-oqsma li ġejjin: ekonomija tat-tassazzjoni, finanzi pubbliċi, ekonomija pubblika, mudellar ekonomiku, ekonometrika jew statistika.